**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA’ GUDIKATURA KRIMINALI**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**
**vs**
**- omissis -**

**Illum, 15 ta’ Ottubru 2016**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra – omissis -;

Akkuzata talli:

F’dawn il-Gzejjer gewwa Wied il-Ghajn, f’gurnata matul ix-xhur ta’ bejn Mejju u Lulju 2016:

Ippartecipajt f’attivitajiet sesswali ma’ persuna taht l-età u cioè - omissis -. *(Art. 204Ċ. (1) ta’ Kap 9 tal-ligijiet ta’ Malta.)*

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f’kaz ta’ htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra ta’ l-esperti, jekk

ikun il-kaz, kif provdut fl Artikolu *(Art. 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta).*

Il-Qorti hija mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-persuna hawn fuq imsemmija kif ukoll ghall-familjari taghha.

Il-Qorti hija mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artiklu 412 (C) tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Semghet l-ammissjoni tal-imputata;

Tat zmien ragonevoli lill-imputata sabiex tirrikonsidra l-ammissjoni taghha;

Rat li waqt l-udjenza tal-lum mizmuma minn din il-Qorti l-imputata regghet affermat l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti tatha zmien tirrikunsidra il-posizzjoni taghha, u din l-ammissjoni giet debitament registrata fil-verbal tal-lum stess fl-atti tal-kawza odjerna;

Rat il-verbal tal-udjenza tal-lum stess;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat,

Illi stante ammissjoni l-akkuzi jirrizultaw pruvati;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reat li tieghu qeghda tinstab hatja l-imputata u l-ammissjoni tal-imputata fl-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, wara li rat l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u bl-applikazzjoni ta' l-istess Artikolu tal-Ligi qed tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett snin mil-lum. Il-Qorti tordna li matul dawn it-tlett snin l-imputata tigi segwita mill-Agenzija Appogg u tinghata l-assistenza kollha li jista' jkollha bzonn ghall-ahjar edukazzjoni u zvilupp holistiku taghha. U ghal dan il-ghan tordna komunika lill-Agenzija Appogg.

Il-Qorti spjegat lill-imputata fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur